Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2008

Numru 1081/2006

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Elton John Zammit ta’ 30 sena iben Joseph u Rose nee Zarb, mwieled Pieta fl-4 ta’ Dicembru 1975 u residenti Flat 4 Ent B Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani Kalkara, ID 8576M**

**U**

**Shemizen Scicluna ta’ 17-il sena iben John u Michelle nee’ Zammit, mwieled Pieta fl-20 ta’ Marzu 1989 u residenti Flat 4 Ent B Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani Kalkara, ID 138389M**

**U**

**Shtien Scicluna ta’ 15-il sena iben John u Michelle nee’ Zammit, mwieled Pieta fit-3 ta’ April 1991 u**

**residenti Flat 4 Ent B Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani Kalkara, ID203891M.**

**Akkuzati talli filwaqt li kienu fi Triq it-Tarzna, kantuniera ma Triq Sammat, gewwa Rahal il-Gdid, nhar il-25 ta' Lulju 2006 ghall-habta tad-9.30am, volontarjament hassru, ikkawzaw hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe vettura ta' l-ghamla Peugeot mudell 205 ta' lewn bajdani u li ghandha n-numru tar-registrazzjoni AAT 936 ghall-valur ta' LM165.20 ghad-dannu ta' Josephine Farrugia minn Hal Tarxien u persuni ohra u dan bi ksur ta' l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Akkuzati wkoll talli nhar il-25 ta' Lulju 2006 ghall-habta tad-9.30am filwaqt li kienu fi Triq it-Tarzna kantuniera ma Triq Sammat gewwa Rahal il-Gdid, volontarjament ghamlu hsara fil-propjeta' cioe nuccali tal-vista ghad-dannu ta' Paul Farrugia minn Hal Tarxien, liema hsara tammonta ghal LM23.55 u dan bi ksur ta' l-Artikolu 325(1)(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Akkuzati wkoll talli fl-istess data, hin u lok, hebbew kontra l-persuna ta' Paul Farrugia sabiex jingurjaw jew jaghmlu hsara lill-istess u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Ukoll talli fl-istess data, hin u lok, ingurjaw u heddu lil Paul Farrugia u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, wara li gew pprovokati, ingurjaw lil Paul Farrugia minn Hal Tarxien b'mod illi johrog barra mil-limiti tal-provokazzjoni u dana bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Ukoll talli fl-istess data, hin u lok, qalu fil-pubbliku kliem oxxen u ndicenti u dana bi ksur ta' l-Artikolu 338(bb) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Ukoll talli fl-istess data, hin u lok, volontarjament kisru l-buon ordni u l-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Lil Elton John Zammit wahdu:**

**Akkuzat talli fl-istess cirkostanzi rrenda ruhu ricediv.**

**Il-Qorti kienet mitluba sabiex tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti kienet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputati jhallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Rat l-ammissjoni tat-tliet imputati ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom, ghaldaqstant dawn l-imputazzjonijiet gew ppruvati skond il-ligi.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 325(1)(b), 325(1)(c), 221, 339(1)(d), 339(1)(e), 338(b)(b), 338(d)(d) u fil-konfront ta' Shamizine Scicluna u Shtien Scicluna, l-Artikolu 37 bl-Artikoli kollha tal-Kap 9 citati waqt li fil-konfront ta' Elton John Zammit l-Artikolu 49 flimkien ma l-Artikoli imsemmija barra l-Artikolu 37, qed issib lill-imputati hatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti kotnra taghhom. Stante li l-imputati hallsu tal-hsara, stante wkoll l-ammissjoni bikrija taghhom u fil-kaz ta' Shamizine Scicluna u Shtien Scicluna kellhom fedina penali nadifa, kif wkoll li kienu ghadhom minuri, flok tikkundannahom qed tillibera lit-tliet imputati b'dawn il-kundizzjonijiet:**

**1. Fil-kaz ta' Shamizine Scicluna u Shtien Scicluna ghal perjodu ta' 18-il xahar li fih ma jridu jaghmlu ebda reat**
**2. Fil-konfront ta' Elton John Zammit, dan il-perjodu huwa ta' 27 xahar.**

**Il-Qorti spjegat l-Artikolu 22 tal-Kap 446 lill-imputati fi kliem semplici u qed taghtihom avviz li jekk huma fil-perjodi imsemmija ta' 18-il xahar jew 27 xahar jaghmlu xi reat iehor, huma jkunu jistghu jehlu ta' dawn ir-reati illi llum nghataw conditional discharge taghhom.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------